# PROFESSJONISTI F'Ħ'ATTARD

## minn Carmel Mallia S.Th.Dip.: B.A. (Rel. Stud).



Sentejn ilu, jiġifieri fl-1996 kont ktibt dwar in-nies ta' Ħ'Attard u sengħethom. Din id-darba nixtieq ngħid xi ħaġa dwar il-Professjonisti - Saċerdoti, Avukati, Tobba, Spiżjara, Qwiebel, Nutara, Prokuraturi Legali, Periti u Għalliema li kellu Ħ'Attard jew għall-anqas dawk fosthom li n-nies ta' Ħ'Attard kienu jinqdew bihom.
Nibdew bis-saċerdoti, se nibda bl-ismijiet ta' xi kappillani antiki li kienu ta' mportanza għall-Knisja Parrokkjali.

### SAĊERDOTI

**Antonio Vassallo (1846 - 1869)** Kien fi żmien dan il-kappillan li l-ġnub tal-kor tal- Knisja Parrokkjali reġgħu ġew irrestawrati bħalma kienu qabel billi tneħħew iż-żewġ kwadri kbar li kienu tpoġġew biex għattew l-għaxar niċeċ - fejn illum hemm l-istatwi ta' l-Appostli, ħamsa kull naħa tal-kor - li kienu magħluqin bil-ġebel u mkaħħlin. Dan sar b'digriet ta' l-Arċisqof u Isqof Fra Gaetano Pace Forno, Agostinjan fuq talba tal-Kappillan imsemmi flimkien ma' Dr Dun Gio Battista u missieru Vincenzo Sammut. (ara... "Deskrizzjoni Tal-Knisja Ta'Ħ'Attard f'manuskritt bit-taljan miktub mis-Saċerdot Gio Batta Sammut 1820 - 1902 u maqlub għall Malti minn C.Mallia fir-rivista "Ħ'Attard il-Paroċċa tagħna Festa Marija Assunta" Awwissu 1996 - Għadd 117 p.18)

**Ġwann Ebejer (1869 - 1876)** Dan il-Kappillan ġab l-Istatwa ta' Santa Marija fl-1874 minn Pariġi mingħand id-ditta 'Raffl" (ara...L-Istatwa Ta' Santa Marija Tagħlaq 120 Sena fil-Parroċċa ta' Ħ'Attard" ta' C. Mallia fil-Programm Festiv Santa Marija 1994 Għeluq il-Mitt Sena tas Soċjeta' SOĊJETA' MUZIKALI LA STELLA LEVANTINA A.D. 1894 Ħ'Attard p67)

**Ġwann Bonnici (1897 -1887)** Dan il-Kappillan ġab l-istatwa tas-Sultana tal-Qalb ta'Ġesu' fl-1878. (ara "Ħ'ATTARD 400 SENA PARROĊĊA 1575 - 1975 ta' C. Mallia)

**Carmelo Azzopardi (1887 - 1903)** Dan il-kappillan kien ġab l-orgni tad-ditta Pacifico Inzoli fl-1891 u ħaseb biex ordna l-gallarija ta' l-orgni li għada hemm sallum. Kien għamel damask ġdid u tużell biex jintrama fil-festa. Fi żmienu saru n-niċeċ ta' Santa Marija - mhix dik li hemm illum imma ta' qabilha li għadha merfugħa fil-Mużew Parrokkjali - u dik tas-Sultana. Kien sar ukoll il-paviment bl-irħam fuq il-presbiterju, fil kor u fis-sagristija. Kien hu li mela n-niċeċ li hemm fil-għoli mad-dawra tal-kappelluni (12-il niċċa bil-Profeti) u dawk li hemm fil-koppla (4 niċeċ bl-Evanġelisti). Kif kullħadd jista' jara, dan ifisser li kellu jimla sittax-il niċċa, għax l-għaxra l-oħra li qegħdin fil-kor - 10 Appostli, ħamsa kull naħa - kienu diġa lesti. (ara Ħ'ATTARD 400 SENA PARROĊĊA 1575-1975 ta' C. Mallia pp. 16-22)

**Fi żmien Azzopardi kien hemm dawn is-saċerdoti:**

**Dun Ġorġ Sammut** bin Vincenzo u Konċetta Casha. Twieled fit-8 ta'Jannar 1812 u miet fis 26 ta' April 1907.
**Dun Gio Batta Sammut** li kien magħruf bħala Dun Patist bin Vincenzo u Konċetta Casha. Twieled fil-25 ta' Marzu 1820 u miet fis 26 ta'Lulju 1902. Kienu dawn iż-żewg aħwa li fl-1889 kienu ħallsu biex sar il-pulptu għall-knisja ta' Ħ'Attard. (Ara Ħ'ATTARD 400 SENA PARROĊĊA 1575 - 1975 ta' C Mallia p. 18) Dan il-pulptu tneħħa mill-knisja fl-1984, biex jagħmel aktar wisa'. Min jixtieq jarah għadu jista' jagħmel dan fil-Mużew Parrokkjali.

Dun Pawl Zarb bin il-magħruf Nutar Saver Zarb. Dun Pawl twieled c.1802 u miet fit-13 Jannar 1886.

Dun Edgar Salomone Twieled fit-2 ta Diċembru 1882. Aktar tard Kappillan fl-Imġarr (1930 - 1954) imbagħad Monsinjur.

Dun Karm Mifsud bin Mikiel u Marija Vassallo. Twieled fil-31 ta' Marzu 1860 qaddes fit-18 ta' Diċembru 1897. Miet fit-23 ta' Novembru 1919.
Dun Saver Mifsud bin Mikiel u Marija Vassallo.
Dun Nikol Mifsud bin Mikiel u Marija Vassallo.
Dawn kienu tlett aħwa. Dun Saver u Dun Nikol flimkien mal-kappillan Dun Karm Azzopardi kienu għenu lill-Mastru Karm Debono biex jindura l-knisja.

Dun Serafin Galea bin Klement u Anna Bartolo. Twieled in-Naxxar fil-1868 u qaddes fl-14 ta'Mejju 1893. Miet fil-31 ta' Mejju 1943. Kien magħruf sewwa bħala konfessur mhux biss ġo Ħ'Attard imma f'paroċċi oħra wkoll.
Dun Anġ Galea bin Klement u Anna Bartolo. Jidher li din il-familja Naxxarija ġiet tgħammar Ħ'Attard għax Anġlu twieled Ħ'Attard fis-27 ta' April 1876 u qaddes fil-21 ta' Diċembru 1901.
Miet fl-24 ta' Frar 1905.

Dun Gejt Sammut D.D. Bin Feliċ u Giovanna Borg. Twieled fit-18 ta' Novembru 1886 u qaddes fl-20 ta' Diċembru 1890. Miet fis-26 ta' Marzu 1940. Dan kien il-kap tal-Missjoni l-Kbira. Ġie li siefer fejn kien hemm komunitajiet Maltin biex jagħti xi eżerċizzi spiritwali.

Dun Salv Grixti S. Th. D. Bin Pawlu u Saveria Delicata. twieled fis-26 ta'Frar 1897 u miet fis-26 ta' Settembru 1947. Membru ieħor magħruf tal-Missjoni l-kbira. Kien id-direttur spiritwali ta' l-iskejjel Primarji tal-bniet u tas-subien ta' Ħal-Lija fejn kienu jattendu t-tfal ta' Ħ'Attard. Għadni niftakru sewwa meta kien jiġi jqarar - il-Ħamis - lit-tfal u jqaddes fl-ewwel Ġimgħa ta' kull xahar fil-kappella ta' l-iskola Primarja ta' Ħal Lija fejn konna mmorru sa qabel il-gwerra.

Dun Ġustu Camilleri Bin Patist u Marija Schembri. Twieled fid-19 ta'Awwissu 1862 u miet fit-8 ta' April 1918. Dan kien Prokuratur tal-knisja parrokkjali għal-ħafna snin.

Dun Pawl Camilleri. Bin Mikiel u Marija Bezzina. Twieled fil-11 ta' Settembru 1862, sar saċerdot fl-1886. Miet fil-25 ta' Ottubru 1896. Meta kien għadu seminarista kien imur jgħin il-quddies għand is-Sorijiet tal-Bon Pastur li kellhom il-kunvent tagħhom fejn illum hemm il- Kunsil Lokali ta' Ħal Balzan, u l-fergħa tal-Posta. Is-sorijiet għallmuh jagħmel il-fjuri tal-granutell u għallmuh ukoll kif jinseġ. Kien hu li niseġ il-purtiera tal-bieb il-kbir tal-Knisja ta' Ħ'Attard. Kien jgħallem il-latin liż-żagħżagħ li kienu jixtiequ jsiru qassisin u kien jaħdem ħafna għall-knisja. Miet b'fama ta' qaddis.
(tagħrif mogħti lili mis-Sur Salv. Guillaumier fl-1975)

Fix-xhur tas-sajf żewġ saċerdoti oħra kienu jiġu Ħ'Attard għall-villeggjatura. Dawn kienu...
Dun Roberto Caruana Gatto aktar tard Monsinjur. Twieled c. 1870 u qaddes fid-19 ta' Diċembru 1896. Miet fil-11 ta' Ottubru 1941.

Dun Eugenio Maria Lanzon. Qaddes fl-20 ta'

Settembru 1902.

**Dun Pier Battista Agius** (1904-1924) Dan il-kappillan kien mill-Belt Valletta. Twieled fl-1862. Kien bidel is-sett ta' l-Appostli li kien hemm fuq il-maġġur għax kienu żgħar u għamilhom aktar kbar. (ara Ħ'Attard 400 SENA PAROĊĊA 1575 -1975 ta' C.Mallia p 32) Fi żmienu saru żewġ saċerdoti.

Dun Ġużepp Dingli. Bin Saver u Tereża Borg, Twieled fit-13 ta' Novembru 1878 u qaddes fit-23 ta' Diċembru 1905. Miet fil-15 ta'Marzu 1956.

Dun Salv Calleja. Bin Ġużeppi u Mikelina Cremona. Twieled fit-2 ta'Frar 1883 u qaddes fl-1 ta' Ġunju 1912. Miet fit-22 ta Diċembru 1913. Ir-raħal gawdih sena u nofs biss.

Dun Carmelo Bondin. Kappillan (1925 - 1930) minn Ħaż-Żebbuġ. Twieled c 1881.
**Dun Carmelo Sciberras.** Viċi Kurat (1930 - 1932) Qaddes fil- 21 ta' Mejju 1921.

**Dun Mikiel Balzan.** Kappillan (1932 - 1957). Qaddes fit-23 ta'Setembru 1916. Dan il-Kappillan żgur jibqa' msemmi għall-imħabba li kellu lejn it-tfal u kien tassew jieħu ħsieb-hom spiritwalment. Bħala opra speċjali fil-knisja nsibu l-paviment ta' l-irħam iddisinjat mill-Kavalier Vincenzo Bonello bi stil li jaqbel perfettament mal-arkitettura tal-Knisja. Imbagħad insibu wkoll iċ-Ċimiterju tal-Providenza li ġie disinjat mill-Perit Louis Mifsud li kien joqgħod Ħ'Attard. Hemm ukoll iz-zokklatura ta' l-irħam li ddur mal-knisja kollha flimkien mal-gwarniċa li hemm fuqha. Wara 25 sena ġo Ħ'Attard, Monsinjur Balzan mar joqgħod San Ġiljan ma' oħtu, imma ried li wara mewtu jindifen Ħ'Attard. Miet fil-25 Diċembru 1965 u jinsab midfun fil-kappella taċ-ċimiterju ta Ħ'Attard li kien sar fl-1950. (ara "Ħ'Attard 400 SENA PARROĊĊA ta' C. Mallia pp.34-39) Fi żmienu laħqu erba' saċerdoti...

**Dun Pawl Said** bin Salvu u Ġiovanna Debono. Twieled fil-25 ta' Jannar 1911. Qaddes fit-2 ta'April 1938. Dan mar jaqdi lid-Djoċesi bħala Prefett ta' l-istudji fis-Seminarju. Aktar tard ġie maħtur Kappillan ġo Ħal Safi u wara sar Arċipriet fin-Naxxar. Aktar tard meta sar Monsinjur ġie joqgħod Ħ'Attard fejn miet ta' 77 sena fid-19 ta'Jannar 1988.

**Dun Ġwann Muscat** bin Luqa u Ġiovanna Felice. Twieled Ħaz-Zebbug. Sar Saċerdot fis-7 ta' Awwissu 1938 u miet fit-8 ta'Ottubru 1939 sena biss wara li qaddes.

**Dun Pawl Pace.** Bin Salvu u Giovanna Fenech. Twieled fis-17 ta' Jannar 1913 u qaddes fil 25 ta' Lulju 1942 u sallum għadu mimli bil-għomor. Fl-1994 inħatar minn Monsinjur Arċisqof Guzeppi Mercieca bħala Monsinjur Onorarju tal-Katidral ta' l'Imdina b'apprezzament tal-ħidma tiegħu fil-parroċċa ta' Ħ'Attard.

**Dun Karm Pace** bin Salvu u Giovanna Fenech. Twieled fil-15 ta' Lulju 1923. Qaddes fl-1 ta' Awwissu 1948 u miet 1984. Dan għamel żmien twil jgħallem fil-Kulleġ ta' San Alwiġi.

**Dun Karm Farrugia** twieled fil 25 ta' Diċembru1923. Qaddes fit-2 ta' April 1949. Dan hu Saċerdot ieħor li ġie fostna u għadu jgħix magħna sallum. Hu d-Direttur Spiritwali tal-Leġjun ta' Marija ġo Malta.

**Fi żmien il-gwerra kellna għadd ta'saċerdoti li ġew hawn bħala rifuġjati:**

**Monsinjur Elazzaro Balzan**, kien Kappillan il-Kalkara u kien jiġi ħu l-Kappillan Balzan. Qaddes fil-21 ta' Diċembru 1912. Miet fis-6 ta' Diċembru 1949.

**Monsinjur Francesco Xuereb.**

**Il-Kanonku Carmelo Cutajar** li kien il-Viċi Kurat ta' Bormla. Qaddes fl-20 ta' Settembru 1919.

**Il-Kanonku Lorenzo Segona**, mill-Birgu, membru ieħor prominenti tal Missjoni l-Kbira.

Qaddes fid-19 ta' Diċembru 1903.

**Dun Karm Rizzo** mill-Imsida. Qaddes fil-25 ta' Settembru 1911.

**Dun Manwel Schembri** twieled il-Birgu fl-14 ta' April 1903. Qaddes fil-5 ta' Mejju 1929. Dan baqa' għall ħafna snin iservi fil-paroċċa ta' Ħ'Attard.

Dawn kollha barra **Mons Elazzaro Balzan** li miet fl-1949, ħallew ir-raħal tagħna wara l-gwerra.

**Dun Ġużeppi Dalmas** Kappillan (1957 - 1984) mill-Imsida. Qaddes fit-2 ta, Awwissu 1953.

**Dun Anton Portelli** Kappillan (1984 -1993) mill-Ħamrun. Qaddes fid-19 ta' Marzu 1972. Kellu jgħinuh għal xi zmien lil Dun Vince Fenech u lil Dun Alex Bezzina. Aktar tard fi żmien Dun Anton, sar qassis ġdid mir raħal...

**Dun Charles Gauci** bin Frans u Carmela Said. Twieled fil-25 ta' Settembru 1960. Qaddes fit-8 ta' Lulju 1988. Dan hu l-aħħar saċerdot li sar u li hu wild Ħ'Attard. Ġie mibgħut fil-paroċċa ta Ħal-Lija u aktar tard inħatar Kanonku tal-Kolleġġjata ta' Birkirkara.

**Dun Dione Cutajar** Kappillan (1994 - ) Għan Kellu jgħinu lil Dun Felix Cini għal xi sena u disa' xhur u li bħal issa qiegħed Ruma, u lil Dun Manwel Camilleri li għadu jgħinu sallum.

AVUKATI

L-Avukat Portelli li kien joqgħod fid-dar illum magħrufa bħala Casa Barbaro fi Triq il-Kbira.

L-Avukat Vassallo li kien joqgħod flok fejn illum hemm il-Każin La Stella Levantina. Dan ġara qabel l-1935 għax f'dik is-sena daħal f'dak il-post, il-Każin imsemmi.
Josie Vella. Lil dan għadni niftakru tajjeb, kien joqgħod fid-dar 'Casa Vella' fi triq il Mosta.

Victor Curmi li kien joqgħod fi Triq Valletta fid-dar li tiġi eżatt quddiem Villa "Caruana Gatto" li serviet bħala skola fejn jien għallimt bejn is-snin 1952 u l-bidu ta l-1961 għax mbagħad morna fl-iskola l-ġdida fi triq il-Mosta qrib il-Palma.

Ġorġ Zammit li ġie joqgħod Ħ'Attard xi żmien wara l-gwerra fi Triq Notabile fid-dar "Villa Drusilla" li kienet bħala post militari waqt il-gwerra.

TOBBA

Jien kont nisma lil missieri Gianni jsemmi xi ismijiet ta' tobba fl-antik fosthom...

Rafel Toledo li kien professur u li miet fl-1929.

Pawlu Sammut bin Vincenzo u Conċetta Casha. Dan twieled fid-9 ta' April 1839 u miet fit-23 ta' Ottubru 1925 u kien jiġi ħuż-żewġ aħwa saċerdoti Sammut li semmejna aktar l-fuq.

Gustavo Ullo Xuereb li kien professur u li kien joqgħod eżatt quddiem fejn illum hemm il- Każin La Stella Levantina, u dan miet fid-19 ta' Ġunju 1928.

John Portelli li kien ħabib personali ta' missieri għax kien ġirien tagħna. Twieled fit-23 ta' Settembru 1898. Sar tabib fl-1916 u ngħaqad mar-Royal Army Medical Corps ġo l-Imtarfa. Bejn l-1919 u 1922 serva bħala Logutenent fl-Indian Medical Service. Fl-1922 ngħaqad mal-Colonial Medical Service fil Malaya (illum Malaysia). Miet fit-8 ta' Settembru 1938.
Dawn l-erba' tobba jiena ma niftakarhomox.
Meta mbagħad bdejt nifhem xi ħaġa intbaħt li ġo Ħ'Attard ma kienx hawn tobba. Dan ma jfissirx li Ħ'Attard ma kienx moqdi mit-tobba. In-nies ta' Ħ'Attard meta kien ikollhom xi mard kienu jinqdew bit-tobba ta' Ħal-Lija.

Pietru Pawl Galea li twieled Ħaz-Zebbug u li kien joqgħod Ħal Lija fi Triq il-Forn.

Alfred Bugeja li kien joqgħod Ħal Lija wkoll, proprju fit-tarf ta' Triq Sant'Anton flok fejn illum hemm 'Villa Ogirra'.
Dawn it-tnejn kienu jiġu jżuru l-morda kuljum ġo Ħ'Attard. It-tabib Galea kien jiġi bil-karozzin, waqt li t-tabib Bugeja kien jigi bir-rota. Niftakarni għadni tifel, meta kont niġi lura mill-iskola, xi darbi kienet tilqgħani riħa qawwija ta' sigarri, u jien mill-ewwel kont nistaqsi: "Mela ġie t-tabib?" Għax it-Tabib Galea mingħajr sigarru ma kienx joqgħod. Barra minn dan fit-tarf ta' Triq San Anton eżatt bejn il-tlett irħula - Attard, Lija, Balzan, kien hemm...

Il- Berġa tal-Gvern, fejn it-tabib Galea wara li kien jara lin-nies ġo daru fi triq il-Forn Ħal Lija, imbagħad kien ipoġġi fil-Berġa għax hu kien l-Uffiċjal Mediku tad-Distrett u kien jaqdi lin-nies tal-tlett irħula. Fil-Berġa n-nies ma kenux iħallsu, u niftakar sewwa li ommi ġie li ħaditni d-dar tiegħu u dak il-ħin kien jgħidilha: " Imbagħad għaddi l-Berġa u l-mistura ħudha minn hemm. Dan kien jagħmlu ħafna drabi u mhux ma ommi biss.

Vincenzo Curmi - aktar tard Professur - li kien joqgħod 23, Triq San Anton u li miet fil 31 ta' Lulju 1958. Dan ta' l-aħħar ma jidhirx li kien iservi f' Ħ'Attard minħabba l-fatt li kien jaħdem fil-Laboratorju ta'l-isptar bħala Patologu.

Lorenzo Casha. Dan ġie joqgħod fir-raħal fi żmien il gwerra. Kien joqgħod fi Triq San Anton... Wara l-gwerra ma baqax joqgħod aktar Ħ'Attard.

Frans Dingli. Dan kien wild Ħ'Attard. Missieru kien Salvu - ħu Dun Ġużepp Dingli li semmejna qabel - u ommu kienet Bernarda mwieldaPisani. Sar Tabib wara l-gwerra (1940 - 1943) fl-1948. Mar jipprattika fl-isptarijiet ta' l-Ingilterra fejn dam xi tlett snin u nofs. Imbagħad serva fuq il vapuri tal-P & O, fil fatt għamel żewg vjaġġi bejn l-Ingilterra u l-Awstralija. Dan ix-xogħol tah esperjenza kbira. Kien wara dan li fl-1954 reġa lura lejn Malta u beda jservi f'raħal twelidu. In-nies ta' Ħ'Attard ferħu ħafna li fl-aħħar kellhom tabib daqshekk qrib tagħhom. Malajr sar popolari mhux biss ġo Ħ'Attard imma ukoll Ħal Lija - fejn kien ipoġġi fl-ispiżerija tas-sur Ġuże' imma ukoll ġo Ħal Balzan u n-Naxxar. Kien bniedem tas-saw dħuli u kien jaf jagħmel kuraġġ kbir lill-marid. Fl-1960 - fi żmien il-kwistjoni politico reliġjuża - resaq għall-elezzjoni u ġie elett fil-Parlament bħala deputat għall-Partit Nazzjonalista. Miet fit-22 ta' Marzu 1982.

**Victor Randon** fi żmien aktar qrib lejna. Dan ukoll kien joqgħod Ħal Lija u kien jiġi jservi ġo Ħ'Attard. Kien joqgħod fil-bidu ta' Ħal Lija fi Triq il-Kbira.

## SPIŻJARA

Ġo Ħ'Attard ma kienx hawn spiżjara. In-nies ta' Ħ'Attard allura bilfors kien ikollhom imorru Ħal Lija fejn kien hemm spiżerija waħda għat-Tlett Irħula. Din kienet fit-tarf ta' Ħal Lija l-eqreb lejn Ħ'Attard.

**Ġuże Borġ**, magħruf bħala 'is-Sur-Ġużé li kien spiżjar xiħ u twajjeb, dejjem iħallat il-mediċini li kienu jiktbulu t-tobba. Meta mbagħed miet, floku ġie...

**Ġuże Grungo** li sa ftit snin ilu qabel irtira, kien għadu jservi fl-istess spiżerija li għadha hemm sallum. Imbagħad fil-gwerra ġo Ħ'Attard ġie bħala rifuġjat...

**Ramiro Cassar**. Dan kien joqgħod fi Triq il-Mitħna u minn hemm kien iservi lin-nies b'mod limitat, għax fi żmien il gwerra kollox kien limitat.

## QWIEBEL

Dawn ukoll imorru mal-professjoni medika. Fl-antik kien hemm qabla jisimha Ċensa Azzopardi li kienet toqgħod Ħ'Attard, imma warajha ġie żmien li fiħ ġo Ħ'Attard ma kniex hemm qabla. Għalhekk in-nies ta' Ħ'Attard kien ikollhom jinqdew bi qwiebel oħra mill-irħula l-oħra tal-qrib. Hekk ġo Ħal Lija kien hemm Lonza Scerri li kienet minn Ħal Lija. Kien

Hemm oħra minn Ħaż-Żebbuġ li kienet iservi wkoll Ħ'Attard wara l-mewt ta Ċensa Azzopardi. Xi nisa kienu jinqdew b'waħda mill-Ħamrun. Imbagħad ftit qabel il-gwerra kienet laħqet waħda minn Ħ'Attard li kienet...

**Mannan Attard.** Din kienet taħdem l-isptar u ma jidhirlix li kienet taħdem fi djar privati. Fil-gwerra mbagħad kienet ġiet oħra toqgħod hawn bħala rifuġjata....

**Betty Gregory Vella** li kienet toqgħod fi Triq Sant'Anna. Din telqet ukoll minn Ħ'Attard wara l-gwerra. Din il-problema nħall għan-nisa ta' Ħ'Attard meta nfetaħ:

L-Isptar Santa Katarina li kien ilu jagħti servizz mediċi oħra sa mis-16 ta' Settembru 1958. Imma aktar tard fl-1961 infetħet sezzjoni oħra, dik tal-... Maternita' b'hekk ħafna kienu jistgħu jinqdew bis-servizzi li kienu jagħtu s-Sorijiet Dumnikani li kienu mħarraġa b'mod iżjed modern, billi kienu jieħdu korsijiet barra minn Malta. Qed jiġini f'moħħi isem l-ewwel waħda li kienet tagħti dan is-servizz. Din kienet...

**Swor Skolastika (Vella Bondin)** mgħejjuna minn **Swor Awrora.** Dan baqa'sejjer sa l-aħħar ta' Ġunju 1980 meta l-imsemmi sptar kellu jagħlaq u ftit wara sar Dar għall-Anzjani...u Ħ'Attard tilef servizz tassew siewi meta tqis li illum in-nies ta' Ħ'Attard ikollhom jinqdew bi sptarijiet u kliniki oħra li huma 'l bogħod minn Ħ'Attard. (Ara l-artiklu "L-Isptar ta' Santa Katerina ATTARD" fir-rivista "IL- PARROĊĊA TAGĦNA Ħ'ATTARD ħarġa speċjali tal-Festa 1987 p.41)

NUTARA

Fost in-nutara li kien hemm ġo Ħ'Attard, jissemma wieħed li ma jintesiex...
**Francesco Saverio Zarb** li ħadem ħafna waqt l-imblokk tal-Franċiżi. Għin ukoll fi żmien l-Ingliżi li kienu ħatruh bħala wieħed mill-Logutenenti li kellhom imqassmin fl-irħula. Fi kliem aktar ħafif nifhmu li kien imexxi r-raħal. Ħadem bħala Nutar bejn is-snin 1786 u 1827. Wieħed u erbgħin sena sħaħ. F'Ħ'Attard hemm Triq imsemmija għaliħ. (Għal iżjed tagħrif, ara l-artiklu "In-Nutar Zarb" ta' Evelyn Pullicino fil-fuljett tal-Paroċċa numru 83. Ħarġa speċjali Awwissu 1993)
Mill-bqija n-nies ta' Ħ'Attard kien ikollhom jinqdew b'nutara li ma kenux mir-raħal,
Dwar in-nutara fir-raħal tagħna għad ma sarx tiftix biżżejjed. Nittama li jkolli żmien nagħmel dan.

PROKURATURI LEGALI

Joseph Busuttil kien l-uniku wieħed minn Ħ'Attard li laħaq Prokuratur Legali.

Albert Agius Ferrante li għalkemm ma twelidx Ħ'Attard, imma ilu ħafna snin joqgħod f'dan ir-raħal.

**PERITI**

Il-Perit Attard li kien joqgħod f'Casa Barbaro, l-istess dar fejn qabel kien joqgħod l-avukat Portelli.

Il-Perit Page li kien ingliż u li kien joqgħod fi triq Sant Anton ftit l-isfel mill-Istazzjon tal-Ferrovija.

Il-Perit Louis Mifsud bin Philip u Carmela Ellul. Kienu ġew Ħ'Attard bħala rifugjati. Dan il perit ma gawdejnihx, għax sitt snin biss wara li ħa l-warrant ta Perit miet fit-13 ta'Settembru 1952, fl'eta ta' 28 sena. Il-pjanta taċ-Ċimiterju tal-Providenza kien għamilha hu.

GĦALLIEMA

L-ewwel edukazzjoni li setgħu jieħdu x'uħud mit-tfal ta' Ħ'Attard fl-antik kienet dik imsejħa ...
Skola Tan-Nuna li kienet Ħal Lija fi Triq San Andrija.

Is-Sorijiet il-Bojod (Missjunarji Franġiskani ta'Marija) fis-sena 1911 kellhom skola ġo Ħ'Attard. Din ma kenitx għat-tfal iż-żgħar, imma għat-tfajliet li kienu jitgħallmu l-ħjata u r-rakkmu fi Triq San Anton fil-bini ta' Strickland. Din l-iskola damet Ħ'Attard sal-11 ta' Ġunju 1917. Illum dawn is-sorijiet qegħdin Ħal Balzan u għandhom skola għaż-żgħar li fil kas tal-bniet jibqgħu sejrin ukoll sal-livell primarju. (ara l-artiklu "Snajja f' Ħ'Attard, sorijiet li għallmu r-Rakkmu u l-Ħjata" ta' C. Mallia fir-rivista Attardjana nru 9, ta' Diċembru, 1996")

Kellu jgħaddi ħafna żmien biex ikun hemm skola tan-Nuna f'Ħ'Attard. Qed ngħid għall-iskola għat-tfal iż-żgħar li kienet waqqfet Ċensina Schembri fi Triq il-Mosta.

L-Iskejjel Primarji tal-Gvern li kienu jaqdu lit-tlett irħula - Attard, Balzan, Lija - kienu qegħdin proprju fejn jiltaqgħu dawn l-irħula. F'dawn l-iskejjel kien hemm edukazzjoni għall-Infants, għall-Bniet u għas-Subien.
L'Infants' u l-bniet kienu jmorru fil-post fejn illum hemm il-Posta u l-Kunsill Lokali ta' Ħal Balzan. Għadni niftakar sewwa liż-żewġ għalliema li kelli meta anke jien kont immur f'dik l-iskola. Dawn kienu...

Antonia Muscat minn Ħal Balzan. Fi żmieni kienet tgħallem l-ewwel klassi li dak iż-żmien konna ngħidulha 'Stage I' Mietet f' Mejju 1988

Ġuditta Grech minn Ħal Lija li kienet tgħallem 'Stage II'
Oħrajn kienu...
Francesca Attard, Pawla Bezzina, Żeżin Bezzina (aħwa). Pawla Caruana, Bice Azzopardi, (minn Ħ'Attard), Rose Engerer, Tereża Fenech, Pawla Fenech, Carmela Micallef u Ġuża Micallef (aħwa minn Ħ'Attard), Ġiġa Muscat (minn
Ħal Lija), M'Anna Pace u Giovanna Pace (aħwa minn Ħal Lija) Adelina Said u Marija Said (aħwa minn Ħal Lija) Margerita Saliba, Susanna Sammut (minn Ħal Lija) Carmela Tartaglia (minn B'Kara), Pawlina Vella, Giovanna Debono (minn Ħ'Attard).

Is-Sinjora li niftakar jien kienet Anna Dingli minn Ħ'Attard. Kienet oħt Dun Ġużepp Dingli li semmejna qabel. Din is-sinjora rajtha biss darba meta ommi ħaditni biex tiktibni għall-iskola. Meta mbagħad f'Settembru mort l-ewwel darba l-iskola Miss Dingli ma kinetx hemm...għax irtirat.
Flokha għal żmien qasir kienet ġiet Vincenza Grima u warajha għal żmien twil kien hemm Tereża Borg.

Dan li għidna s'issa kien dwar il-bniet, għax is-subien wara li konna ngħaddu ż-żewġ klassijiet taż-żgħar konna mmorru fl-iskola tas-Subien imsejħa 'Lija Boys School' fi Triq San Anton proprju dik id-dar kbira li għada hemm sallum bieb ma' bieb mal-ġnien ta' Sant' Anton. L-għalliema li niftakar jien f'dik l-iskola kienu...

Antonio Debono, Mikiel Debono u Salvu Debono li kienu tlett aħwa minn Ħ'Attard, Joseph Muscat u Baskal Galea mill-Mosta. Salvu Muscat minn Ħal Lija.
Is-Surmast kien Joseph Schembri mill-Mosta.

Imbagħad ġiet il-gwerra bil-biża' tagħha u l-bombi bdew neżlin. Imma kull deni ħudu b'ġid għax b'riħet hekk, infetħet skola ġo Ħ'Attard. Fil-bidu kienet flok il-Każin 'La Stella Levantina'...imbagħad ittieħdu xi kmamar mill-Mużew tas-Subien li kien fid-dar 38, Triq il-Kbira, Ħ'Attard. Aktar tard ittieħdet id-Dar Villa Caruana Gatto fi Triq Valletta.
Kif għidt fil-bidu bdejna fil-Każin. Hemmhekk l-għalliema kienu kollha nisa. Jiena messni fil-ħames klassi għax sar-raba' klassi kont għamilthom Ħal Lija. Kienet tgħallimna Amelia Fleri mill-Birgu li kienet refuġjata ġo Ħ'Attard. L-għalliema l-oħra kienu...
L-aħwa Carmela u Ġuża Micallef li ġew mill-iskola ta' Ħal Lija. Pawla Portelli, Lukarda Sammut, l-aħwa Assunta u Marta Pace, Rozanna Attard u Rita Pisani. Dawn kienu kollha minn Ħ'Attard.
Ass Kien hemm oħra li ma rnexxilix niftakar

isimha, konna nafuha bħala Miss Balzan mir-Rabat, Melita Sammut u Agostina......it-tnejn minn Ħal Lija. Jessie Borg li kienet refuġjata ġo Ħ'Attard.
Is-Sinjora kienet M'Anna Micallef minn Ħ'Attard.
Meta spiċċat minn Sinjora, ġie flokha Carmelo Calleja minn B'Kara. F'dan iż-żmien l-iskola kienet biċċa fil-Mużew tas-subien u biċċa ġo 'Villa Caruana Gatto.'
Kien hawnhekk li jien Carmel Mallia bdejt ngħallem fl-1952. L-oħrajn kienu Emanwel Borg, Pawlu Pisani, Ġorġ Mifsud, Antoinette Pisani, Carmela Vassallo, Antoinette Agius, Magaret Fenech, Joseph Sciberras, Carmela Dingli. Ma'dawn kien hemm uħud li ġa semmejna ma'dawk li kienu jgħallmu fil-Kazin La Stella Levantina.
Wara s-Surmast Calleja kien ġie ċertu s-Surmast Farrugia u aktar tard kien ġie Emanuel Vella. Kien fi żmien dan is-surmast li morna fl-iskola l-ġdida li hemm fi-Triq il-Mosta. Morna fiha fil-bidu tas-sena 1962.

Is-Surmastrijiet l-oħra wara Emanuel Vella kienu Lawrence Attard, Ġulinu Vassallo, Joseph Micallef Grimaud, Pawlu Mifsud, Mike Pace, Edwin Camilleri, Manuel Ellul U s-Sur Debono. Oħrajn li-għallmu Ħ'Attard kienu Cruċ Vella, Rit u Philippa Attard (aħwa). Kien hemm u għad hemm oħrajn (li jien ma nafhomx) li ġew joqogħdu hawn u qegħdin jgħallmu hawn.
Kien hemm għalliema oħra minn Ħ'Attard li għallmu fi skejjel oħra imma mhux f'Ħ'Attard. Fosthom kien hemm Ġulia Camilleri, Kate Attard, Carmel Attard, Albert Agius.

### Ħajr

Nixtieq minn qalbi nirringrazzja lill-kanonku Dun Ġużepp Bonello, lis-Sinjorina Carmela Camilleri, lis-Sinjura Jean Debono, lis-Sinjura Mary Dingli, lis-Sinjura Nene Mifsud u lis-Sinjorina Dolores Fenech, ta' l-għajnuna li tawni biex stajt niġbor xi tagħrif li kelli bżonn.

**LOMBARD BANK**
**Lombard House, Dolphin Centre, Balzan Valley Road, Balzan Tel : 448980/6**

jawgura l-festa t-tajba lill-komunita kollha ta' ATTARD

Dawn il-fergħat jinsabu għas-servizz tal-klijenti
Valletta • Sliema • Qormi • St Julians • Balzan